## 1. Xi jfisser meta ngħidu li Malta daħlet fl-ERM II?

Id-dħul ta' Malta fil-Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju (ERM II) jinkwadra ruħu fil-loġika tas-Suq Waħdani Ħieles ta' UE. Il-benefiċċji ekonomiċi ta' suq waħdani, jiġifieri suq fejn għandhek moviment ħieles tan-nies, tal-merkanzija, tas-servizzi u tal-kapital u ntegrazzjoni tas-sistemi monetarji u finanzjarji, tista' tgawdihom bis-sħiħ biss meta tintuża munita komuni, f'dan il-każ l-euro.

Biex pajjiż jikseb dawn il-benefiċċji jrid ikun hemm xebħ sostanzjali bejn l-istruttura ta' l-ekonomija tiegħu u dik taż-żona ta' l-euro, irid ikun jagħmel il-biċċa l-kbira tal-kummerċ tiegħu ma' din iż-żona, irid ikollu ċiklu ekonomiku li jixbaħ kemm jista' jkun lil dak taż-żona ta' l-euro u jkun irrid jissodisfa l-kriterja ta' Maastricht. Dawn jirrigwardaw ir-rata ta' inflazzjoni u ta' imgħax fuq bonds tal-Gvern, il-livell tad-defiċit u tad-dejn pubbliku u r-rata tal-kambju.

L-ERM II għandu x'jaqsam ma' din ta' l-aħħar. Fuq perjodu ta' sentejn il-pajjiż irid juri li l-munita tiegħu hija stabbli kontra l-euro. Meta pajjiz jidħol fl-ERM II, tiġi stabbilita rata ċentrali bejn il-munita tiegħu u l-euro u jkun hemm rabta sħiħa bejniethom. Għalhekk meta Malta, flimkien ma Ċipru u l-Latvja, daħlet fl-ERM II fil 2 ta' Mejju, il-lira Maltija ma baqgħetx marbuta ma basket ta' tliet muniti iżda ntrabtet ma l-euro biss. Iż-żewġ pajjiżi l-oħra kienu diġa' rabtu l-munita tagħhom ma' l-euro.

Il-regoli ta' l-ERM II jippermettu li l-valur tal-munita jista' jiċċaqlaq sa 15% 'l fuq jew 'l isfel mir-rata ċentrali tagħha. Malta, bħall-Estonja u l-Litwanja, iddeċidiet li, fl-interess ta' l-istabbilta', ma tużawx din il-possibilta' u żżomm r-rata fissa.

## 2. X'se jsir fis-sentejn li Malta, mill-inqas, se tagħmel fl-ERM II?

Kullħadd – kemm il-banek ċentrali u l-gvernijiet tal-pajjiżi membri l-ġodda ta' l-UE kif ukoll l-istudjużi li jispeċjalizżaw f'dan is-suġġett – jemmen li pajjiż għandu jimmira li jibqa' sentejn biss fl-ERM II. Jiġifieri għandu jagħmel mill-aħjar biex jissodisfa l-kriterji għad-dħul fiż-żona ta' l-euro fuq perjodu ta' sentejn. Ir-raġunijiet prinċipali huma tnejn: biex jinkisbu l-vantaġġi ekonomiċi tas-sħubija fiż-żona ta' l-euro malajr kemm jista' jkun; u biex jinżamm qasir kemm jista' jkun il-perjodu li waqtu l-munita tal-pajjiż tista tkun esposta għall-ispekulazzjoni.

Aħna ukoll nemmnu li hu fl-aħajr interess tal-poplu Malti li ma' ntawwlux bla bżonn iż-żmien li nagħmlu fl-ERM II. L-ekonomija żgħira u miftuħa tagħna hija vulnerabbli ħafna għal xokkijiet li jistgħu jiġu minn barra u dawn jistgħu jolqtu ħażin il-munita tagħna. Mela għandna kull interess li ma ndumux ma nġawdu mis-sigurita' u l-kredibbilita ta' l-euro, li wara kollox hi l-munita tat-tieni l-akbar ekonomija tad-dinja.

F'dawn is-sentejn Malta trid turi, permezz ta' treġija ekonomika u monetarja għaqlija, li għandha munita stabbli. Din m'hix xi sfida ġdida għaliex tul dawn l-aħħar tletin sena Malta rnexxielha żżomm valur stabbli għall-lira Maltija, ħaġa li għenet ħafna l-iżvilupp ekonomiku li kellna.

### 3. Kif se jkunu affettwati n-negozjanti u ċ-ċittadin komuni f'dan il-perjodu?

Kif diġa' għidt kull ma nbidel mil-2 ta' Mejju 'l hawn hu li issa l-lira hi marbuta mija fil-mija ma' l-euro. Din il-bidla madankollu ma affettwatx il-livell tar-rata tal-kambju tal-lira Maltija. Ir-rata li ġiet stabbilita fit-2 ta' Mejju kienet l-istess bħal dik tat-30 ta' April. Li se jiġri hu li minn issa' l-quddiem il-valur tal-lira Maltija kontra l-muniti l-oħra bħad-dollaru Amerikan u l-lira Ingliża jiċċaqlaq skond kif jiċċaqlaq l-euro. Wieħed irid igħid li d-differenza minn kif kienu l-affarijiet qabel ma tistax tkun kbira għaliex fil-basket li kellna sa l-aħħar ta' April id-dollaru Amerikan kellu piż żgħir ta' 10% u l-lira Ingliża kellha piż ta 20%, waqt li l-euro diġa' kellu piż ta' 70%. Peress li issa r-rata tal-lira Maltija hija fissa kontra l-euro, in-negozjanti u l-esportaturi li jaħdmu ma l-Ewropa jistgħu jiffissaw il-prezzijiet aktar fit-tul minn qabel għaliex jafu li r-rata tal-lira Maltija kontra l-euro hija marbuta.

Għal dawk li jaħdmu b'munita oħra, is-sitwazzjoni ma nbidlitx wisq għaliex huma kienu diġa' mdorrijin jaraw ċaqliq fil-lira Maltija kontra dawn il-muniti u, bl-għajnuna tal-bankiera tagħhom, kienu draw jinxurjaw ruħhom kontra dan iċ-ċaqliq. Terġa, il-biċċa l-kbira minnhom jaħdmu bl-istess munita meta jixtru l-materja prima kif ukoll meta jbiegħu fis-suq ta' barra. Għalhekk ix-xiri minn barra jsir mill-flus li jidħlu mill-esportazzjoni. Jaqilbu biss f'liri Maltin il-flus li jkollhom bżonn biex iħallsu l-ispejjeż lokali bħall-pagi. Issa jista' jiġri li ċ-ċaqliq ikun xi ftit akbar minn qabel minħabba li d-dollaru u l-lira Ingliża m'għadhomx fil-basket. Għaċ-ċittadin m'għandux ikun hemm xi bidliet li jaffettwaħ direttament fil-ħajja ta' kuljum.

F'dan il-kuntest importanti niftakru li l-lira Maltija baqgħet l-unika munita li għandha valur legali f'Malta u għalhekk iċ-ċittadin jibqa juża lilha meta jħallas għal xi ħaġa f'Malta. Sakemm il-euro jidħol uffiċjalment bħala l-munita tagħna, ħadd m'hu obbligat iħallas bl-euro. Il-prezzijiet li naraw fl-euro f'xi ħwienet huma biss għall-konvenjenza ta' dawk it-turisti li ma jkunux sarrfu flus Maltin.

Għal dawk li għandhom il-flus imfaddla u li dan l-aħħar forsi ħassewhom mifxulin minħabba x-xniegħat li kien hawn dwar x'se jiġri lill-lira Maltija mad-dħul fl-ERM II, issa l-affarijiet iċċaraw għaliex dak li bassru x'uħud ma ġarax u l-lira żammet il-valur tagħha ma l-euro. Il-Bank Ċentrali ta' Malta u l-Gvern ntrabtu li jżżommu din ir-rata fissa sakemm naqilbu għall-euro. L-għażla dwar kif wieħed jista jinvesti flusu issa

tista issir b'mod iktar bilanċjat billi wieħed jipparaguna r-rati ta' l-imgħax li joffru investimenti fil-lira Maltija ma dawk li wieħed jista jieħu fl-euro.

## 4. X'se jkunu l-obbligi fuq pajjiżna matul l-istess perjodu?

Meta dħalna fl-ERM II ma ġewx imposti fuqna xi obbligi ġodda barra dawk li dħalna għalihom aħna meta l-poplu Malti qatagħha li jissieħeb fl-UE. Jiġifieri l-obbligu li ndaħħlu l-euro bħala l-munita tagħna u, biex dan ikun jista' jsir b'vantaġġ għalina, nissodisfaw l-kriterji stabbiliti.

Barra minhekk, u kif għandni kif semmejt, aħna ntrabatna minn rajna li nżommu r-rata tal-lira Maltija kontra l-euro fissa matul is-sentejn ta' l-ERM II. Dan għamilnieħ għaliex ħassejna li b'hekk inżommu l-kontinwita' mas-sistema li l-poplu Malti, u speċjalment n-nogozjanti u l-esportaturi tagħna, kienu mdorrijin biha dawn l-aħħar 30 sena. Rata fissa ma l-euro tfisser ukoll stabbilta', fattur essenzjali għall-ekonomija tagħna li tiddependi ħafna fuq il-kummerċ ma barra.

Importanti li kullħadd jifhem pero' li din l-istabbilta' fil-valur tal-lira kontra l-euro irridu naħdmu għalija lkoll. Kif? L-ewwelnett, min-naħa tal-Gvern il-miri fiskali stabbiliti fil-Programm ta' Konverġenza għas-snin 2004 – 2007 iridu jiġu segwiti bl-akbar reqqa u r-riformi strutturali iridu jibqgħu għaddejjin b'pass sod. Dan huwa neċessarju biex nagħtu lill-ekonomija tagħna l-flessibilita' meħtieġa sabiex tkun tista' tilqa' kontra kull żvilupp negattiv li jista' jiġi minn barra, u biex insaħħu l-kompetittivita' internazzjonali ta' Malta.

Minn naħa tagħhom, is-sħab soċjali - speċjalment ir-rappreżentanti ta' min iħaddem u tal-ħaddiema - iridu jifhmu li rata tal-kambju fissa tista' tinżamm biss jekk ikollok ekonomija soda u kompetittiva li taqla' bl-esportazzjoni biżżejjed flus barranin biex tixtri l-bżonnijiet tagħha minn barra. Irridu nnaqsu l-ispejjeż b'kull mod li nistgħu - nipproduċu iżjed b'inqas spejjeż; inżidu l-produttivita'; naraw li l-pagi jiżdiedu skond kif tiżdied il-produttivita'; intejbu l-prattiċi tax-xogħol; innaqqsu l-burokrazzija - dan kollu hu fl-interess komuni kemm biex inkunu nistgħu ntejbu l-livell ta' l-għajxien, kif ukoll biex nżommu r-rata tal-kambju fissa. L-kompetituri tagħna hekk qed jagħmlu għax fehmu li biex tibqa' fil-wiċċ fid-dinja tal-lum m'hemmx triq oħra.

## 5. Minn 10 pajjiżi li daħlu membri fl-UE fl-1 ta' Mejju li għadda kienu tlieta biss li daħlu fl-ERM II. Taħseb li qed ngħaġġlu biex indaħħlu l-euro?

L-ewwel tliet pajjiżi – l-Estonja, l-Litwanija u s-Slovenja – daħlu fl-ERM II, jiġifieri bdew il-mixja tagħhom lejn l-addozzjoni ta' l-euro, kważi sena ilu, f'Gunju ta' l-2004. Gimgħatejn ilu daħlu magħna l-Latvja u Ċipru. Mela sitta minn għaxra diġa' daħlu.

Sa sena oħra tkun daħlet s-Slovakkja. Wieħed jinnota li dawn, speċjalment l-ewwel sitta, kollha huma pajjiżi żgħar b'suq intern ċkejken ħafna, u li għalhekk għandhom interess li jieħdu malajr l-benefiċċji kollha ta' suq akbar permezz tal-munita komuni.

Tajjeb li nifhmu wkoll li l-kunċett ta' l-għaġġla huwa kunċett relattiv. Jekk kompetitur tiegħek miexi 'l quddiem b'pass ħafif iżjed minn tiegħek, tista' tkun qed tiġri, pero' xorta ma' tkunx qed tgħaġġel biżżejjed jekk trid tlaħħaq miegħu. Il-pajjiżi li daħlu s'issa huma kompetituri tagħna għall-investiment barrani u Ċipru huma wkoll kompetitur qawwi tagħna fit-turiżmu u għalhekk ma kienx ikun fl-interess tagħna li dawn idaħħlu l-euro qabilna.

Barra minn hekk wieħed irid jifhem li d-deċiżjoni li Malta tiħol fl-ERM II ma ħadnijiex aħna l-Maltin waħedna. Aħna għamilna l-istudji tagħna, u deherilna li lesti biex nidħlu. Iżda b'daqshekk ma jfissirx li stajna nidħlu. Il-Kummissjoni tal-UE u l-BĊE ukoll għamlu l-analiżi tagħhom. Wara li studjaw l-evidenża kollha, il-pajjiżi membri taż-żona ta' l-euro, il-pajjiżi li diġa' qegħdin fl-ERM II, il-Kumissjoni u l-BĊE kollha dehrilhom li l-ekonomija ta' Malta kienet lesta biex tissiħeb fl-ERM II.
Jidher għalhekk li ma kienx hemm raġuni valida biex nibqgħu lura fil-mixja lejn il-kisba tal-vantaġġi li ġġib magħha l-addozzjoni ta' l-euro. Fil-fatt, kien hemm stennijja fost osservaturi barrani, bħall-aġenziji tal-kreditu, li Malta tkun fost l-ewwel pajjiżi li jidħlu. U kieku ma dħalniex kienu jissuspettaw li konna neqsin mir-rieda li nirriformaw l-ekonomija tagħna. Kif jixhdu l-istqarrijiet tal-Kummissjoni ta' l-UE, tal-BĊE u, f'dawn l-aħħar ġranet, dik ta' Standard & Poor's, id-dħul ta' Malta fl-ERM II kien f'waqtu.

**6. X'jiġifieri meta jingħad li issa l-valur tal-lira Maltija huwa marbut biss ma l-euro?**

Tajjeb ngħidu li l-valur tal-lira Maltija qatt ma kien jiġi stabbilit direttament fis-swieq finanzjarji kif jiġri fil-każ tal-muniti tal-pajjiżi l-kbar. Għal dawn l-aħħar 30 sena l-valur tal-lir kien jiġi stabbilit miċ-ċaqlieq fis-swieq tal-muniti li kien hemm fil-basket. Dawn kienu muniti ta' pajjiżi li nagħmlu l-kummerċ magħhom. Dawn l-aħħar snin il-muniti tal-basket kienu l-euro, piż ta' 70%, il-lira Ingliża (20%) u d-dollaru Amerikan (10%). Il-valur tal-lira minn żmien għal żmien kien ivarja skond kif kienu jiċċaqalqu dawn il-muniti, iżda naturalment iċ-ċaqlieq ta' l-euro kien ikollu l-akbar impatt fuq il-lira Maltija minħabba l-piż kbir tiegħu fil-basket. Mit-2 ta' Mejju 'l hawn, il-piż ta' l-euro żdied minn 70% għal 100%, jiġifieri issa l-lira tagħna timxi għal kollox ma' l-euro.

Qabel ma dħalna fl-ERM II, per eżempju, jekk l-euro kien jaqa' kontra d-dollaru, il-lira Maltija kienet taqa' ukoll, iżda bi ftit inqas peress li d-dollar kellu piż ta' 10% fil-basket. Fl-istess ħin, pero', dan ifisser li l-lira Maltija kienet tissaħħaħ kontra l-euro u

Malta kienet għalhekk titlef il-kompetittivita' fl-iktar suq importanti tagħna. Issa dan ma jibqax jiġri għaliex il-lira qiegħda timxi pass pass ma l-euro.

## 7. X'vantaġġi u żvantaġġi hemm jekk indaħħlu l-euro?

Kif għidt qabel, il-vantaġġi ekonomiċi ta' suq wieħed fejn in-nies, il-merkanzija, is-servizzi u l-kapital jiċċaqalqu bla xkiel, ma jistgħux jiġu immassimizzati jekk ma jkunx hemm ukoll munita komuni li tintuża minn hulħadd. Kieku kull Stat fl-Amerika kellu l-munita tiegħu, m'hemmx dubju li l-ekonomkja Amerikana kienet tkun ħafna inqas effiċjenti milli hi. Il-vantaġġi assoċjati ma' l-użu ta' munita komuni bħall-euro jegħlbu l-iżvantaġġi. Din il-konkluzjoni twasslek għalija t-tejorija ekonomika, iżda ġiet ukoll ipprovata mill-esperjenza ta' ħafna pajjiżi. Kieku ma kienx hekk, kull pajjiż kien jibqa' għal rasu bil-munita tiegħu.

Meta Malta tibda tuża l-euro ser ikun hemm tmintax-il-pajjiż u xi 320 miljun ruħ jużaw din il-munita. Il-kummerċ tagħna magħhom isir aktar faċli u attrajenti għaliex jonqsu bil-qabda kemm ir-riskju fuq il-kambju kif ukoll l-ispejjeż biex tassigura ruħħek kontra dan ir-riskju; jonqsu l-ispejjeż tat-transazzjonijiet kummerċjali għax ma jibqax isir bdil ta' flus, u tiżdied it-trasparenza fil-preżżijiet, u allura jkun hemm lok għal aktar kompetizzjoni u effiċjenza. Ikollna ukoll rati ta' l-imgħax aktar baxxi, kif ukoll iżjed dixxiplina fiskali u għalhekk l-ekonomija tagħna għandha tidher aktar soda f'għajnejn l-investituri.

Kif jidher ċar mill-istudju li ippublikajna ġimgħatejn ilu, Malta hija kandidat tajjeb għas-sħubija fiż-żona ta' l-euro. Din il-konklużjoni qablu magħha il-pajjiżi l-oħra kollha kif ukoll il-Kummissjoni u l-BĊE. Jonqos biss li nnaqqsu l-iżbilanċ fiskali u nibdew nniżżlu l-livell tad-dejn pubbliku skond ma hu maħsub fil-Programm ta' Konverġenza.

Żvantaġġ importanti tas-sħubija f'unjoni monetarja hi t-telfa ta' l-awtonomija fil-qasam tal-politika monetarja u tar-rata tal-kambju. Din hija preċiżament ir-raġuni għaliex pajjiż ma jitħalliex jaddotta l-euro qabel ma jkun sar jixbaħ ħafna lill-pajjiżi membri li diġa' qegħdin fiż-żona ta' euro. Meta jkun jissodisfa din il-kondizzjoni, il-politika monetarja tal-BĊE tkun tgħodd għaliħ ukoll u għalhekk ma jkollux bżonn politka monetarja ndipendenti.

Fil-każ ta' Malta wieħed irid igħid ukoll li aħna diġa' tlifna ħafna mill-awtonomija tagħna f'dan il-qasam għaliex tletin sena ilu addottajna sistema tar-rata tal-kambju fissa. Fil-waqt li din tatna stabbilta' fil-valur tal-lira w ukoll fil-prezzijiet, fissret ukoll li ridna nżommu r-rati ta' imgħax tagħna dejjem ftit aktar għoljin mill-medja tar-rati tal-muniti fil-basket tal-lira Maltija. U l-objettiv ewlieni tal-politka monetarja tagħna

kien li nipproteġu l-lira Maltija. Għal din ir-raġuni ma stajna qatt nużaw il-politka monetarja biex ninfluenzaw l-ekonomija tagħna.

**8. X'se jsir biex ma jkunx hemm abbużi fil-prezzijiet kif jidher li ġara f'pajjiżi oħra?**

L-esperjenza ta' Malta u tal-pajjiżi membri l-ġodda naħseb li għandha tkun aħjar minn dik ta' l-ewwel tnax-il pajjiż li addottaw l-euro. Naħseb hekk għaliex fil-każ tagħhom l-euro kien xi ħaġa ġdida għal kollox u ċ-ċittadini ma kienux ippreparati biżżejjed għall-bidla. Illum dak li ġara fil-pajjiżi li daħħlu l-euro fl-2001 ġie studjat u l-Kummisjoni ta' l-UE diġa' qed tlesti program ta' għajnuna prattika għall-membri l-ġodda sabiex ma jsirux l-istess żbalji li saru d-darba ta' qabel. Hemm imħejji program ta' twinning li permeżż tiegħu Malta flimkien ma Ċipru se jibbenefikaw minnn għanjuna kontinwa mill-Irlanda, li kienet wieħed mill-pajjiżi li daħħlet l-euro mingħajr problemi kbar. Hemm ukoll program qawwi ta' informazzjoni għas-setturi kollha tal-popolazzjoni, kif ukoll għanjuna finanzjarja għal dan il-program.

Hawn Malta se jitwaqqaf kumitat nazzjonali biex jieħu ħsieb il-bidla għall-euro li jkollu numru ta' kumitati oħra taħtu li jiġbru fihom r-rappreżentanti tas-setturi kollha ta' l-ekonomija Maltija. Bħal ma kien ġara fl-1972 meta qlibna għas-sistema tal-flus deċimali, ikun hemm perjodu qabel il-bidla fejn jibdew jidru l-prezzijiet kemm fil-lira Maltija kif ukoll fil-euro, u 'conversion tables' u għajnuniet oħra għall-konsumatur, kif ukoll sorveljanza stretta ta' l-awtoritajiet konċernati. Bl-għajnuna ta' kullħadd wieħed jittama li l-iskop għall-abbuż jitnaqqas kemm jista' jkun.